MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 883/1990/1

**Ignatius Gatt; u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 1991, stante l-mewt ta' l-attur, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Speranza armla minn Ignatius Gatt, Joseph, Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul Alexandra xebba u William, ilkoll ahwa Gatt.**

**vs**

**Franco Facchetti u Andrea sive Andrew Facchetti kemm f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Franco Facchetti & Sons Footwear Ltd."; u b'digriet ta' l-1 ta' Gunju, 1994, gew nominati Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Rowena**

**Grima bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta' Andrea Facchetti u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 2001, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti tal-mejjet Franco Facchetti u l-kumpanija Franco Facchetti & Sons Footwear Limited u b'digriet tas-17 ta' April, 2002, il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud giet sostitwita bil-Prokuratur Legali Luisa Tufigno**

**u**

**Av. Mark Chetcuti u P.L. George Scicluna b'digriet tas- 27 ta' Settembru, 1990, nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Facchetti; u b'digriet ta' l-10 ta' Gunju, 1992, gew estromessi l-kuraturi Dr. Mark Chetcuti u P.L. George Scicluna u b'nota ta' l-10 ta' Gunju, 1992 Andrea Facchetti assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' l-assenti Joseph Facchetti; u b'digriet tat-22 ta' Gunju, 1994, il-Qorti irrevokat *contrario imperio* id-digriet ta' l-10 ta' Gunju, 1992, u regghet ikkonfermat lill-Av. Mark Chetcuti u P.L. George Scicluna bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Facchetti.**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (gia` Qorti tal-Kummerc) fid-9 ta' April, 1997, kienet intlaqghet eccezzjoni tal-konvenuti billi dik il-Qorti iddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni, tiehu konjizzjoni tal-kawza minhabba l-klawzola arbitrali imsemmija fl-istess eccezzjoni, u konsegwentement, il-konvenuti gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi.

2. Din is-sentenza tal-Prim Istanza qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza, sabiex tifforma parti integrali minnha, u dana billi fiha hemm riprodotti c-citazzjoni kontenenti l-premessi u t-talbiet ta' l-atturi, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll ir-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti li tasal ghall-imsemmija decizjoni taghha.

**II L-APPELL**

3. L-atturi interponew appell mill-imsemmija sentenza quddiem din il-Qorti fid-29 ta' April, 1997. Ir-rikors ta' l-appell jelenka l-aggravji ta' l-atturi appellanti u jitlob li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti u konsegwentement tirrinvija l-atti tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment taghha fuq il-mertu.

4. Ikkontestaw l-appell Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Rowena Grima in rapprezentanza ta' l-eredita` gjacenti ta' Andrea Facchetti, li fir-risposta taghhom ta' l-1 ta' Lulju, 1997, *inter alia*, issottomettew li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma.

5. Ir-risposta ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Louisa Tufigno, fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti tal-mejjet Franco Facchetti u lill-kumpanija Franco Facchetti & Sons Footwear Ltd, semplicement tghid li f'dak l-istadju meta ipprezentaw l-istess risposta, cioe` fit-8 ta' Lulju, 2002, huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal dan l-appell.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6 Fl-1 ta' Awissu, 1980, gie iffirmat bejn il-partijiet ftehim ta' "*joint venture*" ghall-manifatturar u bejgh ta' zraben bil-kundizzjonijiet li jidhru fid-Dok. A esebit a fol. 94 *et sequitur* tal-process. Fost dawn il-kundizzjonijiet, il-partijiet stipulaw is-segwenti klawzola arbitrali:

*"The parties believe and declare that the success of this project depends to a large extent on the degree of co-operation, trust and understanding between them. Nevertheless, they cannot completely ignore the*

*possibility of any disagreement arising between them in the course of their activities or in the interpretation of any clause of this agreement. In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared that it will be each party's right and duty to refer such disagreement to Mr C L Farrugia M.Sc(Econ) Lond., CPAA, FCMA, or failing him to Mr Henry Mifsud, who will act as an arbitrator and whose decision thereon will be final and accepted by both parties as fair and just. Since it is the intention of both parties to avoid court litigations at all costs, only in circumstances when the above-mentioned arbitrator/s will fail to give a decision, for any reason whatsoever, within one month, can the parties then resort to the judiciary."*

7. Jidher li fis-sena 1989, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet iddeterjoraw tant li fid-19 ta' Mejju, 1989, Ignatius Gatt baghat ittra ufficcjali lill-konvenuti (ara kopja a fol. 128) li fiha, *inter alia*, allega li l-konvenuti kienu iddisponew b'mod abbusiv mill-makkinarju proprjeta` tieghu favur terzi. L-attur Gatt kien interpellahom biex fi zmien erbgha u ghoxrin siegha jaddivjenu ghal ftehim gust u ekwu soddisfacenti ghalih. Fin-nuqqas, avzahom li kien sejjer jipprocedi kontrihom biex jissalvagwardja d-drittjiet tieghu u biex jottjeni l-hlas tad-danni kawzati lilu in konsegwenza tal-ksur ta' l-obbligi taghhom. Din l-ittra ufficcjali tispicca hekk:

"Fl-ahharnett il-mittent javzakhom illi, minhabba diversi ragunijiet personali inkluz kawzi naxxenti minhabba divergenzi bejnu u Carmelo Farrugia u minhabba l-komplessita` legali tal-kwistjonijiet li jezistu rizultanti mill-ksur da parti taghkom tal-kuntratt fuq referit, huwa mhuwiex dispost li ghar-rigward tal-lat civili, jissottometti ruhu ghal dawn il-persuni bhala arbitri izda ser jipprocedi fuq il-kwistjoni gudizzjarjament.

Tant biex taghrfu tirregolaw rwiehkhom."

8. Jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Gunju, 1992, (a fol. 39 u 40) li d-difensur tal-konvenuti kien ikkonferma li l-konvenuti kienu gew notifikati b’din l-ittra ufficcjali.

9. Fir-rikors ta’ l-appell taghhom, l-appellanti irrilevaw hekk:-
“Il-konvenuti qatt ma wiegbu ghall-ittra ufficcjali fuq imsemmija u qatt ma hadu ebda pass biex jirreferu l-kwistjoni ghall-arbitragg u fit-8 ta’ Gunju, 1990, Gatt allura gie kostrett jipprezenta t-tlett mandati imsemmija fic-citazzjoni u sussegwentement isegwihom bic-citazzjoni odjerna fis-6 ta’ Awissu, 1990.”

Din id-dikjarazzjoni ta’ l-appellanti ma gietx kontradetta mill-konvenuti appellati.

10. Wara li nghatat ir-retroxena saljenti tad-disgwid bejn il-kontendenti, il-Qorti sejra tghaddi biex tinvestiga l-aggravji ta’ l-appellant bl-istess mod li gew sollevati minnhom. Quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur kien ressaq tlett ragunijiet ghaliex, fil-fehma tieghu, il-klawsola arbitrali ma kinitx applikabbli ghall-kawza odjerna.

11. L-Ewwel Qorti irrimarkat hekk dwar l-ewwel raguni avvanzata mill-attur:
“L-attur qed jitlob li l-ftehim ta’ bejn il-partijiet jigi dikjarat terminat minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuti. Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw din it-talba ta’ l-attur u konsegwentement hemm vertenza bejn il-partijiet li fil-fehma taghha tikkostitwixxi “*disagreement arising between them in the course of the activities*” kontemplat mill-klawzola arbitrali. Ghalhekk, il-fatt li l-attur qed jitlob it-terminazzjoni tal-ftehim ma jintitolahx li jagixxi bhal li kieku l-ftehim gia` gie terminat. Galadarba l-ftehim ghadu mhux terminat u hemm vertenza bejn il-partijiet, il-klawzola arbitrali ghadha *in vigore* u tapplika wkoll ghall-vertenza, anke fuq kwistjoni li tista’ twassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim, billi tali kwistjoni mhiex eskluza mill-parametri tal-klawzola arbitrali.”

12. L-appellanti ikkritikaw dan ir-ragunament tal-Qorti billi, testwalment, issottomettew ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, hekk:-
"7. Illi l-ewwel sottomissjoni ta' l-appellanti hi li l-vertenza li qamet bejn il-partijiet ma tikkostitwix la "*any disagreement arising between them in the course of their activities*" u lanqas "*in the interpretation of any clause of this agreement*". Il-fatt innifsu li l-makkinarju, skond Gatt, gie ittrasferit f'idejn terzi minghajr il-kunsens tieghu, kien ifisser li l-*joint venture* kienet spiccat ghaliex il-makkinarju li biha jinhadmu z-zraben ma kienx ghadu f'idejn Facchetti. Ma setax ikun hemm aktar "*course of their activities*" bla makkinarju u fil-fatt tali agir ta' Facchetti seta' jaghti anke lok ghal proceduri kriminali kontra taghhom (*vide* l-imsemmija ittra ufficcjali). Kwindi, hawn *si trattava* ta' terminazzjoni unilaterali da parti ta' Facchetti tal-ftehim '*joint venture*' u Gatt, ghalkemm ghamel minn kollox biex jara jistax jerga' jgib il-*joint venture in vigore*, gie rinfaccjat b'silenzju assolut mill-parti l-ohra u konsegwentement kellu jfittex biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu naxxenti u konsegwenzjali ghat-terminazzjoni tal-ftehim. F'dan is-sens, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk kienet inkorretta li interpretat il-fatti in kawza bhala dizgwid waqt il-*joint venture* minflok dizgwid in segwitu ghat-terminazzjoni tal-*joint venture.*

L-Ewwel Qorti wkoll kienet inkorretta ghaliex qalet li galadarba l-konvenuti kienu qed jikkontestaw l-allegazzjonijiet ta' l-atturi, allura l-ftehim kien ghadu operanti. Jekk wiehed janalizza d-dikjarazzjoni tal-konvenuti annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet, wiehed isib li l-konvenuti ma kkontestaw bl-ebda mod li l-*joint venture* kienet spiccat – anzi huma jaqblu li l-ftehim spicca u jikkontestaw biss li kienu huma li ikkagunaw l-waqfien tal-ftehim u jghidu li l-ftehim spicca minhabba t-tortijiet ta' l-attur."

13. Il-Qorti tinnota li l-appellanti mhumiex qeghdin jallegaw li l-ftehim orginali kien null, u allura seta' jkun hemm kwistjoni fuq l-validita` tal-klawzola arbitrali. *Invece* l-appellanti qed jallegaw li l-ftehim gie terminat bhala

konsegwenza ta' inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti, wara li l-kuntratt kien gie debitament konkluz. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni jekk il-konvenuti naqsu milli jesegwixxu l-obbligi kontrattwali assunti minnhom jirientra fl-ambitu tal-klawzola arbitrali. Fi kliem iehor, l-arbitru seta' validament jiehu konjizzjoni ta' din il-vertenza u jiddecidiha. Ghalhekk, din il-Qorti ma taqbilx mal-kritika li l-appellant ghandu ghar-ragunament fuq indikat ta' l-Ewwel Qorti, li jirrizulta li hu legalment korrett.

14. L-appellanti ma ressqu ebda kritika ghal dak li l-Ewwel Qorti qalet fir-rigward tat-terminu ta' jumejn imsemmi fil-klawzola arbitrali in kwistjoni. Minflok, l-appellanti argumentaw li d-dekors ta' numru ta' xhur li fihom il-konvenuti ma ipprocedewx ghall-arbitragg kien ifisser li huma kienu irrinunzjaw tacitament ghall-effetti tal-klawzola arbitrali. Fi kliem l-appellanti stess dan l-aggravju kien imfisser hekk:
"Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghal grazzja ta' l-argument kellu jigi ritenut li l-klawzola arbitrali kienet tinkorpora "d-dizgwid" meritu tal-kawza odjerna, l-appellanti jissottomettu li bl-agir ta' silenzju assolut da parti ta' l-appellati ghal oltre sena u erba' xhur (cioe` mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna) l-istess appellati naqsu mill-obbligu taghhom ukoll li jirreferu l-vertenza ghall-arbitragg previst u kwindi irrinunzjaw tacitament ghall-effetti ta' dik il-klawsola. Fuq kollox, l-obbligu ghal riferenza lill-arbitru kien impost fuq iz-zewg nahat u Facchetti kienu ben konxji tal-vertenza, almenu ufficcjalment, minn meta ntbaghtet l-ittra ufficcjali. Huma pero` baqghu siekta ghaliex ovvjament hekk qablilhom. Fuq kollox kif jirrizulta mill-mandati intavolati mill-attur (li kopja ta' wiehed minnhom u cioe` l-mandat ta' qbid numru 1457/90 qed jigi wkoll esebit ma' dan ir-rikors ta' appell markat Dok. M) kien l-attur li kien barra minn butu ghal oltre mitt elf lira (Lm100,000). U, ghalkemm il-klawzola arbitrali ma tghidx espressament terminu f'kemm dizgwid ghandu jigi riferit lill-arbitru, certament l-interpretazzjoni logika ta' l-ispirtu tal-klawzola ma tistax titqies li t-terminu kien indefinit ghall-ahhar izda l-kuntrarju, u cioe` li appena jghaddu l-jumejn, kellha ssir minnufih ir-riferenza."

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa ben fondat. Il-klawzola arbitrali in kwistjoni taghmilha cara li: "….*In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared* <u>*that it will be each party's right and duty to refer such disagreement*</u> to Mr … (sottolinear tal-Qorti).

Fi kliem iehor, iz-zewg partijiet kellhom <u>it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali</u>, wara li tfacca d-dizgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni ta' l-arbitru minghajr dewmin. Huwa principju sagrosant tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess ghall-konvenut li issa jinvokaw l-ezekuzzjoni tal-klawzola arbitrali f'din il-kawza meta wrew passivita` prolungata taghhom, kienu wrew bic-car li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq ta' l-arbitragg. Irrizulta li bl-imsemmija ittra ufficcjali (ara para 7 *supra*) , l-attur kien ta r-ragunijiet tieghu ghaliex ma kienx dispost li jissottometti ruhu ghal arbitragg kondott mill-persuni li jissemmew fil-klawzola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruhom. Din il-Qorti hija soddisfatta li, la darba l-konvenuti ma ikkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jaghmlu, allura wiehed ragonevolment ghandu jasal ghall-konkluzjoni li huma gew li accettaw il-posizzjoni li ha l-attur fil-konfront tal-klawzola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw tacitament ghall-effetti ta' l-istess klawzola.

16. La l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni l-eccezzjoni relattiva tal-konvenuti ma tistax tintlaqa' u allura l-appell intavolat mill-appellanti sejjer jintlaqa'. F'dawn ic-cirkostanzi, ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tinvestiga u tiddeciedi l-ahhar aggravji ta' l-appellanti li jenfasizza li huma kellhom raguni tajba biex ma jipprocedux bl-arbitragg minhabba li arbitru Farrugia kien involut f'litigji ma' Ignatius Gatt waqt li l-arbitru l-iehor Henry Mifsud kien riluttanti li jaccetta tali inkarigu, jekk ma jkunx cert li kien ghadu jgawdi l-fiducja taz-zewg partijiet.

17. Qabel ma l-Qorti tikkonkludi ghandha tirrileva li t-triq ta' l-arbitragg tidher li ma kinitx sejra toffri soluzzjoni prattika jew integrali lill-kontendenti ghaliex dawn, xorta wahda, x'aktarx kien ikollhom jadixxu l-Qrati ordinarji biex isolvu l-vertenza taghhom.

Infatti, l-appellanti wrew bic-car li kienu qeghdin jikkontestaw illi l-arbitragg jitmexxa mill-persuni nominati bhala arbitri fl-imsemmija klawzola arbitrali. Din il-kwistjoni ma setghetx tigi deciza mill-arbitri innifishom, izda, *se mai,* kien ikollha tigi deciza mill-Qrati ordinarji. Anke l-kwistjoni tal-"*quantum*" ta' l-allegati danni; mentri wkoll il-kawza odjerna x'aktarx li kienet tezorbita mill-gurisdizzjoni prevista ta' l-arbitru.

18. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bazata fuq il-klawzola arbitrali u minflok tiddikjara li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi l-kawza odjerna u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata.
Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddisponi minnhom skond il-ligi.
L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenuti appellati solidament bejniethom.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, moghtija fid-9 ta' April, 1997, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------